**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 15 t'April, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Jonathan Ferris)**

**-vs-**

**Simon Spiteri detentur tal-Karta tal-Identita` numru 470763M.**

Kaz Nru. 823/08

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Simon Spiteri talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, bejn ix-xhur ta' Lulju, 2006 u Settembru 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' elfejn seba' mija u hamsa u disghin Euwo u hamsa u ghoxrin centezmu ta' l-Euro (€2795.25) (ekwivalenti ghal LM1200) ghad-dannu ta' kull wiehed mis-segwenti persuni: Derek Vella mill-Mellieha, Carmel Vella mill-Mellieha, Mark Camilleri mill-Mellieha, Michael Cauchi mill-Mellieha, Stephan Attard mill-Mellieha,

Victor Vella mill-Mellieha, Derrick Camilleri mill-Mellieha, Evan Camilleri mill-Mosta, Thomas G. Weening mill-Mellieha, Joseph Sant mill-Mellieha, Jeoffrey Briffa mill-Mellieha, Bernice Spiteri minn Birkirkara, Edward Sammut mill-Mgarr, Donald Borg mill-Mellieha, Reno Fenech mill-Mellieha, Nadia Borg mill-Mellieha, u Victor Vella mill-Mellieha.

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu elfejn seba' mija u hamsa u disghin Euwo u hamsa u ghoxrin centezmu ta' l-Euro (€2795.25) (ekwivalenti ghal LM1200) ghad-dannu ta' kull wiehed mis-segwenti persuni: Derek Vella mill-Mellieha, Carmel Vella mill-Mellieha, Mark Camilleri mill-Mellieha, Michael Cauchi mill-Mellieha, Stephan Attard mill-Mellieha, Victor Vella mill-Mellieha, Derrick Camilleri mill-Mellieha, Evan Camilleri mill-Mosta, Thomas G. Weening mill-Mellieha, Joseph Sant mill-Mellieha, Jeoffrey Briffa mill-Mellieha, Bernice Spiteri minn Birkirkara, Edward Sammut mill-Mgarr, Donald Borg mill-Mellieha, Reno Fenech mill-Mellieha, Nadia Borg mill-Mellieha, u Victor Vella mill-Mellieha.

3. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza taghha ta' nhar is-6 ta' Dicembru, 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba Il-Qorti ntalbet sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a). Fl-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b). Fl-artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c). Fl-artikoli 17, 49, 50, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat rregistra ammissjoni fuq l-ewwel zewg imputazzjonijiet u kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi t-tielet imputazzjoni ma tirrizultax u ghalhekk qed jigi liberat minnha.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat kif ukoll tal-konkluzzjonijiet ta' l-esperti medici u psikjatrici.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 308, 309, 310(1)(a), tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin.

Tordna li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, l-imputat ihallas is-somma ta' elfejn seba' mija u hamsa u disghin Euwo u hamsa u ghoxrin centezmu ta' l-Euro (€2795.25) (ekwivalenti ghal LM1200) ghad-dannu ta' kull wiehed mill-parte leze u cioe' lis-segwenti persuni u cioe' Derek Vella mill-Mellieha, Carmel Vella mill-Mellieha, Mark Camilleri mill-Mellieha, Michael Cauchi mill-Mellieha, Stephan Attard mill-Mellieha, Victor Vella mill-Mellieha, Derrick Camilleri mill-Mellieha, Evan Camilleri mill-Mosta, Thomas G. Weening mill-Mellieha, Joseph Sant mill-Mellieha, Jeoffrey Briffa mill-Mellieha, Bernice Spiteri minn Birkirkara, Edward Sammut mill-Mgarr, Donald Borg mill-Mellieha, Reno Fenech mill-Mellieha, Nadia Borg mill-Mellieha u Victor Vella mill-Mellieha. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(2) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, l-imputat qieghed jinghata zmien sitt (6) xhur sabiex jeffetwa tali hlas.

Inoltre tordna lill-hati sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, ihallas is-somma ta' elf, mija u seba' Euro u tlieta u sebghin centezmu (€1107.73c) rapprezentanti l-ispejjez peritali in konnessjoni ma' dawn il-proceduri lir-Registratur ai termini tal-istess artikolu.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk twettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**